

## IL-QORTI TAL-PRIM' ISTANZA

**Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-23 ta' Settembru 2009 — Spanja vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-341/05) <sup>(1)</sup>

*("Agrikoltura — Organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib — Tnejħiha ta' rifużjonijiet għall-esportazzjoni tal-prodotti kollha tal-ħalib għal Ceuta u għal Melilla — Kundizzjonijiet — Prinċipju ta' nondiskriminazzjoni — Proporzjonalità")*

(2009/C 267/89)

Lingwa tal-kawża: L-Ispanjol

**Partijiet**

Rikorrent: Ir-Renju ta' Spanja (rappreżentanti: J. Cárcamo u M. Muñoz Pérez, abogados del Estado)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: C. Cattabriga u F. Jimeno Fernández, aġenti)

**Suġġett**

Talba għall-annullament tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 909/2005, tas-16 ta' Ġunju 2005, li jistabbilixxi r-rifużjonijiet għall-esportazzjoni fis-settur tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib (ĠU L 154, p. 10), sa fejn l-Anness tiegħi jinkludi lil Ceuta u lil Melilla fost id-destinazzjonijiet miġbura taħt il-kodiċi ta' destinazzjonijiet L 01.

**Dispożittiv**

- 1) L-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 909/2005, tas-16 ta' Ġunju 2005, li jistabbilixxi r-rifużjonijiet għall-esportazzjoni fis-settur tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib, huwa annullat sa fejn jinkludi lil Ceuta u lil Melilla fost id-destinazzjonijiet miġbura taħt il-kodiċi ta' destinazzjonijiet L 01.
  
- 2) Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej hija kkundannata għall-ispejjeż.

**Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-23 ta' Settembru 2009 — Transnáutica vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-385/05) <sup>(1)</sup>

*("Unjoni doganali — Operazzjonijiet ta' tranżitu Komunitarju estern — Tagħbijsa tabakk u alkoħol etiliku destinata lejn pajjiżi terzi — Frodi — Talba għal remissjoni tad-dazji fuq l-importazzjoni — Artikolu 239 tar-Regolament (KE) Nru 2913/92 — Artikolu 905 tar-Regolament (KE) Nru 2454/93 — Klawżola ta' ekwità — Eżistenza ta' sitwazzjoni partikolari — Garanzija globali")*

(2009/C 267/90)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrent: Transnáutica — Transportes e Navegação, SA (Matosinhos, il-Portugall) (rappreżentanti: C. Fernández Vicién, I. Moreno-Tapia Rivas, D. Ortigão Ramos u B. Aniceto Silva, avocats)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: X. Lewis u J. Hottiaux, aġenti)

**Suġġett**

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni REM 05/2004 tas-6 ta' Lulju 2005 li tirrifjuta l-ħlas lura u r-remissjoni ta' ċerti dażji doganali.

**Dispożittiv**

- 1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni REM 05/2004 tas-6 ta' Lulju 2005 hija annullata.
  
- 2) Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej hija kkundannata għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 271, 29.10.2005.

<sup>(1)</sup> ĠU C 330, 24.12.2005